**Minuti tal-7 Laqgħa tat tieni-Kumitat Amministrattiv ta' Ħal Farruġ li saret nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015 fil-5:00 P.M. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa u spiċċat fil-6.30 P.M.**

Preżenti: il-Membri

| | |
|---|---|
| Ic-Chairperson | Is-Sur. Raymond Saliba |
| Il-Membri | Is-Sur. Joe Borg |
| Skużat | Is-Sur. Kerstin Gatt |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Michael Portelli |

**Aġenda**

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Imqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti b' vot unanimu.

## 2. PUNTI IMQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kienx hemm punti imqajjma mill-minuti.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sur. Gatt saqsa fuq il-liwja ta Triq Wied in-Noqor. IS-Segretarju qal li huwa kien kellem l-enforcement tal-MEPA. Huwa qal li minn naħa tiegħu qed jistenna risposta fuqha u minn dak li jinstema jkellem lill-Ministru.

3.2 Ic-chairperson saqsa x se jkun hemm bħala żvog għall adulti fejn hemm il-Family Park. Is- Segretarju qal li din hija ippjanata mal-parti fejn se jkun hemm il-parti ż-żgħira tal-Bandli. Huwa issuġġerrixxa biex filkaż issir laqgħa mas-Sindku fuq dan is-suġġett.

3.3 Is-Sur. Saliba qal jekk jistax issir xi ħaġa bħala żvog fil-parti maġenb it-tromba li hemm fejn il-Housing Estate. Is-Segretarju qal li l-aħjar ħaġa hija li ssir laqgħa fuq il-post.

3.4 Raymond reġa saqsa fuq ir-railing li suppost kellu jsir fil-Housing Estate. Is-Segretarju qal li huwa kien għaddha l-quotation lis-Sindku u kien se jerġa jkellmu fuqha.

3.5 Raymond saqsa x se jsir mill-funtana li kellha issir fil-Housing Estate. Huwa qal li l-aħjar ħaġa li ssir laqgħa fuq il-post biex jkunu risolti l-ilmenti pendenti.

3.6 Is-Segretarju qal li fuq iz-zebra cross huwa kien għamel it-talba imma kien għad ma kellux risposta. Huwa qal li se jerġa jibgħar reminder lit-Transport Malta.

## 3 AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar il-Ħamis 22 ta' Jannar 2015 fis-5.45 pm. Kien hemm il-ġurnata tad-19 ta' Frar issuġġerritta għal laqgħa li jmiss.

| | |
|---|---|
| Raymond Saliba | Michael Portelli |
| Chairperson | Segretarju Eżekuttiv |